MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 60/2009

**Joseph, Neville, Victor, Rosette, Mario u Noel ahwa Farrugia, Guido Farrugia, Lucy armla minn Domenico Farrugia, Joseph Farrugia, Michael Cassar Desain, Austin Muscat Scerri armel ta' Winifred, Erica Muscat Scerri, Maria mart Vanni Hili u Domenica mart Wallace Fino**

**vs**

**L-Avukat Generali u b' digriet tal- 10 ta' Dicembru 2009 gew kjamati in kawza l-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit, Perit Arkitett u Inginjier Civili Richard England Sant Fournier, Mary armla minn Anthony Falzon Sant Manduca, Markiza Evelyn armla minn James Cassar Desain, Veronica mart Bernard Brockdorff f'isimha propjru u bhala mandatarja generali ta' Lawrence Cassar Desain, Anne mart Mario Said, Christine mart Lino Delia, f'isimha proprju u bhala mandatarja**

**generali ta' Nathaline mart Paul Saville, Lilian Ina mart John Bugeja, Berta mart Joseph Camilleri, Alfred Falzon Sant Manduca, Sean Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon, Anna mart Godfrey Abela, Lawrence u Richard ahwa Cachia Zammit, Raymond Cachia Zammit, Anna mart Raphael Zammit, Richard Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit, Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Marion mart Keith Legault, Marueen mart Robert Crossey, Richard Bradshaw, Philip Bradshaw u Anna mart Godwin Abela**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Joseph ID 619739 M, Neville ID 196241M, Victor ID 1076044M, Rosette ID 87047 M, Mario ID 89152M u Noel ID 116859M ahwa Farrugia, Guido Farrugia ID 709831M, Lucy armla minn Domenico Farrugia ID 290420M, Joseph Farrugia ID 16248 M, Michael Cassar Desain, Austin Muscat Scerri armel ta' Winifred ID 594337M, Erica Muscat Scerri ID 73577M, Maria mart Vanni Hili ID 111167M u Domenica mart Wallace Fino ID 421769M datat 5 ta' Novembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn ippremettew :-

Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija **fis-7 ta' Jannar 1998** fil-kawza fl-ismijiet ***"L-Eccellenza Tieghu t-Tobib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et"*** (Rik Nru 64B/93), gie deciz illi r-rikorrenti odjerni jigu zgumbrati mill-fond numru 251, Triq ir-Repubblika, Valletta fi zmien tliet xhur mid-data tal-istess sentenza.

Illi l-fatti li taw lok ghal din l-istanza kienu li fis-seduta tas-7 ta' Jannar 1998 ir-rikorrenti Joseph Farrugia u Carmelo Farrugia flimkien mal-Avukat Dottor Vincent Falzon ipprezentaw ruhhom quddiem il-Bord (kif fil-fatt dejjem ghamlu f'kull seduta) biex jaraw jekk is-sentenza kinetx sejra tinghata billi kienet ga giet differita ghall-istess skop

f'seduti precedenti sa mis-sena 1996. Illi l-Bord ordna li l-kawza tigi msejha u pprezentaw ruhhom l-imsemmija zewg atturi u l-Avukat taghhom. Il-Bord infurmahom illi s-sentenza ma kinetx sejra tinghata u l-kawza giet differita ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998 ghall-istess skop. Dawn iz-zewg atturi u l-Avukat Vincent Falzon hadu nota tad-data tad-differiment u telqu 'l barra. Fit-18 ta' Frar 1998 l-Avukat Vincent Falzon gie nfurmat mill-kollega tieghu ta' dak iz-zmien, illum il-Magistrat Dottor Doreen Clarke, illi kien avvicinaha l-Avukat tar-rikorrent f'dik il-kawza u staqsieha ghaliex id-decizjoni tal-Bord ma gietx appellata. Din il-kollega informatu illi hija ma kienet taf xejn bil-kaz u kienet sejra tinforma b'dan lill-Avukat Vincent Falzon. Illi meta l-Avukat Vincent Falzon gie informat b'dan id-diskors wiegeb minnufih illi dik l-kawza kienet giet differita ghat-13 ta' Mejju 1998 u dan gie konfermat meta gie konsultat id-djarju tal-lista tal-kawza dak il-hin stess.

Illi *stante* li t-terminu tal-appell kien lahaq skada l-istanti kellhom jirrikorru ghall-procedura ta' ritrattazzjoni biex tigi rimedjata l-ingustizja li saret fil-konfront taghhom b'sentenza moghtija biex tizgumbrahom mill-fond lilhom lokat minghajr l-opportunita' li jappellaw minhabba l-iskadenza tat-terminu tal-appell u l-fatti kif fuq esposti.

Illi b'sentenza tas-6 ta' Ottubru 2008 moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza ta' ritrattazzjoni (5/1998 JAB), hawn annessa u markata Dokument "A", il-Bord ikkonkluda li ***"illi l-fatti in ezami u kif hawn fuq esposti, matul dawn il-proceduri bl-ebda mod ma gew kontradetti minn xi prova jew provi kontrarji prodotta da parti tal-konvenuti. Dwar dan jigi rilevat illi z-zewg xhieda prodotti mill-atturi li ddeponew f'dawn l-atti huma altament kredibbli. Ghalhekk qed jigi ritenut illi dak li xhieda effettivament jirrifletti dak li verament gara fis-seduta quddiem il-Bord u li biha nghatat is-sentenza in esami."***

Illi fl-istess sentenza l-Bord ikkonkluda u ddecieda wkoll hekk : ***"illi ma hemm ebda dubju illi, fil-kawza u sentenza in desamina, sar zball materjali u gravi li bhala risultat tieghu, gab konsegwenza li***

***<u>ppregudikaw lill-atturi billi meta l-premess gie skopert mill-attur, kien skada t-terminu tal-appell u b'hekk is-sentenza in esami ghaddiet in gudikat finali.</u> Illi hu minnu wkoll illi dan l-izball kien sar qabel ma kienet inghatat l-istess sentenza u b'hekk waqt il-proceduri relattivi."***

Illi fl-istess sentenza il-Bord ikkonkluda u ddecieda wkoll illi l-kaz in esami hu wiehed li ma jinkwadrax ruhu taht l-argini stretti tal-artikoli li jirregolaw il-procedura ta' ritrattazzjoni u l-Bord ghandu jdejh marbutin bid-definizzjoni u limitazzjoni ta' xi jfisser "zball" fil-kontest tal-artikolu 811(L) in ezami. "Illi, ghalhekk, it-talbiet in ezami ghandhom jigu michuda, **b'certa riluttanza da parti tal-istess Bord.**

Illi s-sentenza tal-Bord illi Jirregola l-Kera tas-6 ta' Ottubru 2008 giet appellata mir-rikorrenti odjerni u l-Qorti tal-Appell, b'sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2009, annessa u markata Dokument "B", iddecidiet illi filwaqt li <u>"r-ritrattandi seta' kellhom xi forma ta' rimedju iehor"</u> imma mhux ir-ritrattazzjoni, konsegwentement cahdet l-appell tar-rikorrenti.

Illi ftit hemm dubju minn dak kollu fuq espost li d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera li jaghti s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ***L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et*** (Rik Nru 64B/93) **<u>fis-7 ta' Jannar 1998</u> wara li aktar kmieni fl-istess seduta kien iddifferixxa din il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998,** u konsegwentement ukoll l-istess sentenza, u l-konsegwenzi sofferti mir-rikorrenti minhabba din id-decizjoni, jikkostitwixxu lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti u sanciti fl-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess rikkorretni talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera li jaghti s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ***L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et*** (Rik Nru 64B/93) **fis-7 ta' Jannar 1998 wara li aktar kmieni fl-istess seduta kien iddifferixxa din il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998,** u konsegwentement ukoll l-istess sentenza, u l-konsegwenzi sofferti mir-rikorrenti minhabba din id-decizjoni, jikkostitwixxu lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti u sanciti fl-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

2. Tordna li r-rikorrenti jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu fiha fis-7 ta' Jannar 1998.

3. Tordna ghalhekk li r-rikorrenti jinghataw id-dritt li jintavolaw appell mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-7 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet ***L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et*** (Rik Nru 64B/93).

4. Taghti dawk *l-interim measures* xierqa u opportuni pendenti s-smigh ta' din il-kawza.

5. Taghti kull rimedju jew direttiva ohra li jidhrilha xierqa. Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 26 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2009.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 16 ta' Novembru 2009 a fol 34 tal-process fejn eccepiet: -

1. Preliminarjament l-esponent qed iressaq din ir-risposta a bazi tal-fatti kif esposti fir-rikors promutur, izda jirrizerva li jressaq risposta ulterjuri meta jkun edott sewwa mill-atti u l-proceduri li qed isir ilment dwarhom, *stante* li

kien notiflkat b'dan ir-rikors biss fit-12 ta' Novembru 2009 u ma kellux zmien bizzejjed biex jaghmel tali ricerki.

*2.* Preliminarjament ukoll, ikun fl-interess tal-gustizzja li jkunu allegati l-atti kollha tal-kawzi li qed isir l-ilment dwarhom biex hekk il-partijiet kollha u l-Qorti jkunu f'pozizzjoni li jistabilixxu x'gara fis-7 ta' Jannar 1998 u wara. Barra minn hekk trid tingieb prova ta' dak kollu li jinghad fir-rikors promutur.

3. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u anke kif qalet Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 t'Ottubru 2009 msemmija fir-rikors promutur, ir-rikorrenti seta' kellhom rimedji ordinarji ohra ghad-dispozizzjoni taghhom li ma uzawhomx, anke qabel ipprezentaw il-kawza ghar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord tal-Kera, u jekk hu dan il-kaz, allura din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz *ai termini* tal-**artiklu 46 tal-Kostituzzjoni**.

4. Illi fil-mertu in kwantu r-rikorrenti jistriehu fuq dan li inghad fis-sentenzi tal-Bord tal-Kera u tal-Qorti tal-Appell dwar ir-ritrattazzjoni, l-esponent jissottometti li kemm il-Bord kif ukoll il-Qorti trattaw il-fatti u ezaminawhom in kwantu dawn kienu jissodisfaw *o meno* l-**artiklu 811 tal-Kap 12**, ghax dik kienet it-talba quddiemhom. Ghalhekk ma jregix l-argument li ghax il-Bord u l-Qorti ma sabux bazi ghar-ritrattazzjoni, allura hemm ksur tal-**artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.**

5. Illi m'hemm l-ebda ksur tal-**artiklu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni** fil-konfront tar-rikorrenti fil-proceduri mertu ta' dan ir-rikors u dan ghas-segwenti ragunijiet:

- hu assodat fil-gurisprudenza li d-dritt ta' smigh xieraq kif protett fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jiggarantixxix dritt t'appell. Dan ifisser li jekk ghal xi raguni jew ohra r-rikorrenti tilfu l-opportunita' li jappellaw mid-decizjoni tal-Bord tal-Kera, dan ma jfissirx fih innifsu li sofrew ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

- Hu wkoll stabbilit fil-gurisprudenza li biex Qorti tezamina jekk persuna sofrietx ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, irid ikun ezaminat l-assjem tal-proceduri u mhux mumenti partikolari minnha. Ghalhekk anke kieku kellu wiehed isib li kien hemm difetti procedurali fil-kawza, dan ma jfissirx fih innifsu li awtomatikament ir-rikorrenti sofrew ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fil-proceduri ghaliex il-procedura trid tkun ezaminata bhala pakkett wiehed.

6. Illi s'issa ma jidhirx li saret prova qawwija bizzejjed li teghleb il-qawwa probatorja tal-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 1998 fl-atti tar-rikors Rik 64B/93 dwar x'gara dakinhar. Il-verbal tas-seduta ghandu piz kbir u dak li jitnizzel fih ghandu jitqies li sehh, sakemm ma jkunx hemm prova qawwija tant li tghelbu.

Salv eccezzjonijiet ohra f'risposta ulterjuri.

Ghaldastant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom *stante* li m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront taghhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali datat 24 ta' Novembru 2009 a fol 50 tal-process fejn talab illi jigu kjamati fil-kawza l-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit, Perit Arkitett u Inginjier Civili Richard England Sant Fournier, Mary armla minn Anthony Falzon Sant Manduca, Markiza Evelyn armla minn James Cassar Desain, Veronica mart Bernard Brockdorff f'isimha propjru u bhala madatarja generali ta' Lawrence Cassar Desain, Anne mart Mario Said, Christine mart Lino Delia, f'isimha proprju u bhala mandatarja generali ta' Nathaline mart Paul Saville, Lilian Ina mart John Bugeja, Berta mart Joseph Camilleri, Alfred Falzon Sant Manduca, Sean Bradshaw, Caroline mart Joseph Falzon, Anna mart Godfrey Abela, Lawrence u Richard ahwa Cachia Zammit, Raymond Cachia Zammit, Anna mart Raphael Zammit, Richard Cachia Zammit, Charles Cachia Zammit, Joseph Cachia Zammit, Vincent Cachia Zammit, Marion mart Keith Legault, Marueen mart Robert Crossey, Richard

Bradshaw, Philip Bradshaw u Anna mart Godwin Abela, u l-Qorti ordnat in-notifika li kontro-parti, rat ir-risposta u laqghet it-talba tal- kjamati-in-kawza a spejjez provizorji tal- inimata b'digriet taghha datat 10 ta' Dicembru 2009 (fol. 56).

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza kollha datata 19 ta' Mejju 2010 a fol. 62 tal-process fejn eccepew: -

1. Illi *in linea* preliminari l-esponenti umilment jeccepixxu l-insostenibbilta` tal-azzjoni rikorrenti, billi l-istess rikorrenti ma pprevalewx ruhhom mir-rimedji ordinarji disponibbli skontd il-ligi fil-konfront tas-sentenza moghtija mill-Bord tal-Kera fis-7 ta' Jannar 1998 - senjatament id-dritt ta' appell mill-istess sentenza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti. Hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 1998, fl-atti tar-rikors quddiem il-Bord tal-Kera, huwa car u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni diversa minn dak illi fih il-kontenut tieghu. Apparti hekk, u anke jekk ghas-sahha biss tal-argument, wiehed kellu jikkunsidra l-fatti esposti fit-tieni paragrafu tar-rikors promutorju, ma jista` jkun hemm ebda dubju illi l-informazzjoni allegatament moghtija mill-Bord tal-Kera lir-rikorrenti u lill-konsulent legali taghhom waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 1998, ma giex verbalizzat fl-atti tal-istess proceduri mill-Bord innifsu, u dan ifisser illi l-informazzjoni allegatament moghtija lir-rikorrenti ma sarx fil-mument li giet imsejha l-kawza. Ghalhekk kien fl-interess tal-istess rikorrenti illi jistennew illi tissejjah il-kawza u li tigi verbalizzata l-ordni tal-Bord, ossija jivverifikaw il-kontenut tal-istess verbal wara l-istess seduta jew fit-terminu legali koncess ghall-appell mill-imsemmija sentenza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti umilment akkontendu li ma kien hemm l-ebda ksur tal-**artiklu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni** fil-konfront tar-rikorrenti fil-proceduri mertu ta' dan ir-rikors, stante li d-dritt ta' smigh xieraq kif protett

fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ma jiggarantixxix dritt t'appell - partikolarment fic-cirkostanzi tal-fatti kif hawn fuq spjegati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq espost, l-esponenti ma ghandhomx, independentement mill-ezitu ta' dawn il-proceduri, ibatu l-ispejjez ta' dawn l-istess proceduri, billi l-allegat ksur certament qatt ma jista' jitqies li jahtu ghalih l-esponenti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fit-18 ta' Mejju 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Norval Desira ghall-kjamat-in-kawza, Dr. Robert Abela ghar-rikorrenti, Joseph Farrugia prezenti, u Dr. Joseph Bonello ghall-Avukat Genrali. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-17 ta' Novembru 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-kawza quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrugia et" fid-data tas-7 ta' Jannar 1998 ir-rikorrenti Joseph, Carmelo u Dr. Vincent Falzon dehru quddiem l-istess Bord sabiex jaraw jekk id-decizjoni kienitx ser tinghata, u l-Bord sejjah il-kawza u dehru huma u l-avukat taghom u l-Bord kif allura presjedut qal li s-sentenza ma kienitx ser tinghata u l-kawza giet, dejjem skont l-istess rikorrenti, differita ghat-13 ta' Mejju 1998 ghas-sentenza. Jidher izda li fil-fatt is-sentenza ad insaputa tal-istess rikorrenti, inghatat dak in-nhar stess,

tant li jirrizulta li l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 1998 jaqra hekk *"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Francesco Depasquale. Il-kawza giet deciza".* Fil-fatt is-sentenza tirrizulta li inghatat a fol. 74 tal-process datata 7 ta' Jannar 1998 fejn fil-fatt l-intimati f'dik il-kawza (u rikorrenti f'din il-kawza) gew ordnati sabiex ihallu l-pussess tal-fond 251, Triq ir-Repubblika, Valletta u dan f'terminu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Illi mill-atti processwali quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jirrizulta li din il-kawza kienet l-ewwel differita ghas-sentenza fis-26 ta' Gunju 1996 ghas-seduta tal-31 ta' Lulju 1996, u sussegwentement ghal-5 ta' Dicembru 1996, ghall-11 ta' Frar 1997, ghas-7 ta' Mejju 1997, ghat-22 ta' Ottubru 1997, u ghas-7 ta' Jannar 1998, meta kif inghad fil-fatt inghatat l-istess sentenza.

Illi qed jigi allegat li la darba r-rikorrenti Joseph u Carmelo Falzon u Dr. Vincent Falzon intqal lilhom meta dehru quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-istess datat tas-7 ta' Jannar 1998 mill-Magistrat "Chairman" tal-Bord Dr. Dennis Montebello stess, u minghajr ma ssejhet il-kawza li s-sentenza ma kienitx ser tinghata dak in-nhar tant li inghatatilhom id-data meta kienet ser tigi differita din il-kawza ghat-13 ta' Mejju 1998 u allura l-istess rikorrenti hargu barra mill-Awla u mill-Qorti. Fil-fatt gara li l-kawza giet sussegwentement msejjha u r-rikorrenti odjerni ma kienux hemm u inghatat l-istess sentenza, li huma saru biha biss zmien wara li kien ghalaq iz-zmien ghall-appell mill-istess sentenza, u dan accidentalment peress li Dr. Norval Desira (d-difensur tar-rikkorenti fil-kawza quddiem il-Bord) kien iltaqa' ma` dak iz-zmien Dr. Doreen Clarke (illum il-Magitsrata Doreen Clarke) u kien esprima s-sorpriza tieghu kif l-intimati f'dik il-kawza ma kienux appellaw. Dr. Dorren Clarke rrispondiet li ma kienitx taf li l-kawza giet deciza ghaliex hija kienet biss kultant issegwi d-differiment meta kienx ikun jista' jaghmel dan Dr. Vincent Falzon, peress li kienu fl-istess ufficju legali, u qalet lil Dr. Norval Desira li kienet ser tinforma b'dan lil Dr. Vincent Falzon, kif fil-fatt ghamlet meta waslet l-ufficju. Dr. Vincent Falzon kien sorpriz meta sema' dan tant li qallha li *"le, qalli li dik il-kawza kienet differita ghas-sentenza", U*

*kien semmieli d-data wkoll meta minghalih kellha tinghata s-sentenza. Qabad id-diary u iccekja d-diary u qalli ser incempel lis-Sur Farrugia". Kien irrimarkali wkoll qalli "imnalla kien qieghed mieghi s-sur Farrugia meta inghata d-differiment"* (xhieda tal-Magistrat Dr. Doreen Clarke datata 16 ta' Gunju 2009 – fol. 73).

Illi jirrizulta li din l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma giet bl-ebda mod riportata fil-verbal tal-istess seduta, tant li gia inghad li l-verbal jghid biss li ssejhet il-kawza u li d-deher Dr. Francesco Depasquale (li kien qed jidher ghar-rikorrenti f'dik il-kawza) u ma hemm verbalizzat li deher hadd izjed, u fil-fatt meta ssejhet il-kawza ma kien hemm hadd izjed, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Francesco Depasquale, li kkonferma dak li kien hemm fl-istess verbal tas-seduta msemmija, u wkoll li kienet prassi tal-Bord kif kien dak in-nhar kostitwit *li "jaqra s-sentenzi lejn l-ahhar tas-seduta"* (xhieda Dr. Franceso Depasquale, llum il-Magistrat Dr. Francesco Depasquale, moghtija fl-affidavit datat 11 ta' Novembru 2010 a fol. 78 tal-process. Dr. Francesco Depasquale xehed ukoll fid-19 ta' Jannar 2011 (fol. 83) u sostna li kien mar qabel fl-Awla, waqt li kienu qed isiru kawzi ohra, u l-Magistrat kien qallu li s-sentenza kienet ser tinghata aktar tard, u meta rega mar fl-Awla quddiem il-Bord inghatat is-sentenza.

Illi ma hemm l-ebda dubju li fin-normalita' tal-kazi dak li jitnizzel fil-verbal tas-seduta ghandu jitqies bhala dak li effettivament gara fil-kawza, anke jekk dak huwa riassunt ta' dak kollu li bhala procedura jkun isehh fil-kawza, izda dan jghodd sakemm eccezzjonalment ma jkunx hemm prova, li dak verbalizzat ma jkunx jirrifletti dak li attwalment sehh fil-kawza, u fil-fatt fid-decizjoni fl-ismijiet **"Case of Aquilina and Others vs Malta"** moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Ecthr) fl-14 ta' Gunju 2011 komposta anke mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, inghad li *"Records of the proceedings are usually brief minutes of the res gestae, acknowledged by the domestic courts (see paragraph 12 above) they do not contain a detailed record of that takes place during proceedings. Thus, while such record is certainly important for the purposes of a court case, it*

*cannot be considered the sole source of truth for other purposes, including court reporting. To limit court reporting to facts reproduced in the records of the proceedings, and to bar reports based on what a journalist has heard and seen with his or her own eyes and ears, as corroborated by others, would be an unacceptable restriction of freedom of espression and free flow of information. While there may be a presumption that the official record of court proceedings is complete and accurate, such a presumption may be rebutted by other evidence of what occured during the course of the proceedings. It follows that in a conflict between the records of the case and the sworn evidence of witnesses who have no personal interest in the case, a court should not discard the sworn evidence a priori. This is even more true where, as here, there is no apparent conflict since the record of the proceedings is silent on the matter in issue".*

Illi fil-fatt fid-decizjoni hawn imsemmija, l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem sabet li meta t-tieni applikant quddiemha kien sostna li l-Magistrat sedenti kien sab lil Dr. A hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, u li dan kien espressament ikkonfermat mix-xhieda moghtija mill-prosekutur fil-kawza ta' akkuza ta' bigamija li kienet qed tigi trattata, liema xhud ikkonferma li l-artikolu tal-gurnalista in kwistjoni "was a true summary of what had occurred at the hearing". *"The Court is struck by the fact that, although this evidence was plainly relevant and came from an independent eye-witness to the events in question, little or no attention appears to have been paid to by the Civil Court in the defamation proceedings. In particular, there is no indication the judgment of the Civil Court as to whether the prosecutor was found by the Court to be unreliable or unconvincing witness.....".*

Illi fl-istess paragrafu hawn accennat, saret riferenza ghal dak li nghad f'paragrafu 12 tal-istess decizjoni li kien proprju li *"By a decision of 13 June 1997, the Court, while acknowledging that the record of the case did not cover the entire proceedings, allowed the applicants to present evidence",* liema evidenza kienet turi li l-Magistrat kien sab lil Dr. A. hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti

ghaliex ma kienx deher quddiemha, u din il-versjoni kienet ikkorroborata mill-prosketur f’dik il-kawza, u allura dak li gie riporatat mill-gurnalista fuq dan il-punt kien sostanzjalment korrett ghalkemm ma jidhirx li l-istess kien verbalizzat. Konsistentement ma’ dan, la darba l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet li dak rapportat kien sostanzjalment korrett ma qablitx ma` dak li kien gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li qaghdet fuq il-verbal, u dan proprju ghaliex il-verbal tas-seduta f’dak il-kaz instab li ma kienx jirrifletti dak li attwalment sar fl-istess seduta quddiem il-Qorti (fol. 3 tas-sentenza).

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Carmen Micallef vs l-Avukat Generali”** (P.A. (SK) (RCP) – 26 ta’ Frar 2002) fejn inghad li ghalkemm normalment hemm il *“massima ‘qoud non est in actis non est in mundo’ hija bazilari ghal kull sistema procedurali tal-ordinament guridiku. Hemm zewg korallari principali ta’ din il-massima. L-ewwel wiehed huwa li dak li jigri, li jissucciedi, fit-tribunal waqt it-trattazzjoni ta’ kawza ghandu jirrizulta biss mill-verbali redatti mit-Tribunal stess jew alternattivament, f’dawk il-kazijiet fejn il-gudikant jirrifjuta li jirregistra fatt rilevanti ghall-kawza, l-parti ghandha tipprezenta Nota jew Rikors – seduta stante, sabiex min ikun qed jippresjedi it-Tribunal ikun f’posizzjoni li jipprovdi fuq l-fatt. Ebda Gudikant infatti m’ghandu jinbidel f’xhud ta’ dak li gara quddiemu fl-udjenza u la huwa u lanqas l-ufficjali l-ohra tat-Tribunal ma huma ammessi bhala xhieda fuq r-‘res gestae’ tal-udjenzi”.* Kien ghalhekk li l-istess affidavit gie sfilzat fil-proceduri quddiem il-Qorti, izda f’dan il-kaz dak li kien relevanti kien l-atmosfera li kien hemm fl-Awla waqt dik il-kawza u allura dak li kien kontestat f’dawk il-proceduri ma kienx il-kontenut tal-istess verbal jew xi verbal iehor fil-kors tas-smigh tal-appell fil-kawza premessa fir-rikors promotorju odjern, izda l-atmosfera in generali waqt is-smigh tal-istess appell u l-allegat komportament tal-President tal-istess Qorti fil-kors tas-seduta partikolari msemmija fl-istess rikors kostituzzjonali, li fl-istess verbal jew verbali tal-Qorti ma hemm xejn dwar l-istess. Filfatt inghad li f’dak il-kaz din il-Qorti kif diversament presjeduta tat opportunita` lil diversi xhieda, inkluzi difensuri tal-partijiet,

difensuri ohra li kienu prezenti waqt l-istess smigh, u lill-partijiet sabiex jixhdu dwar l-istess allegata sottomissjoni tar-rikorrenti. L-istess decizjoni ghalhekk sostniet li jidher li hemm eccezzjonijiet ghall-istess regola dwar il-verbali tal-Qorti u ghalhekk huwa cert li tali massima hemm enuncjata ma hija bl-ebda mod assoluta, iktar u iktar meta l-kontenut tal-istess verbal *per se* ma huwiex qed jigi b'xi mod ikkontestat.

Illi dan illum jinsab ikkonfermat mid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem fuq riferita, izda ma` dan jinghad li wkoll li f'dan il-kaz l-verbal tal-Qorti *ut sic* ma huwiex qed jigi kontestat, izda dak li qed jigi migjub ghall- attenzjoni tal-Qorti huwa li qabel ma sar tali verbal il-Magistrat sedenti kien specifikatament indika lid-difensur tal-intimati quddiemu Joseph u Carmelo Farrugia, u dan waqt is-smigh ta' kawzi ohra li s-sentenza ma kinitx ser tinghata dak in-nhar, tant li mhux hekk biss sar izda l-istess Magistrat sedenti ta lill-istess persuni d-data meta l-istess kawza kellha tithalla ghas-sentenza, b'mod allura li l-imsemmija rikorrenti telqu mill-Qorti rashom mistrieha li d-decizjoni kienet ser tinghata f'data hekk allura indikata, u ma kien hemm xejn x'jindika li meta ser tinghajjat il-kawza ma kienx ser isir hekk. Dan bhala fatt qatt ma gie kkontestat minn hadd, la f'dawn il-proceduri u lanqas fil-proceduri ta' ritrattazzjoni li saru quddiem l-istess Bord, tant li l-istess Bord fis-sentenza tieghu fl-ismijiet **"Carmelo Farrugia et vs L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et"** (RRB. (JAB) – 8 ta' Ottubru 2008) sostna li *"il-fatti in esami u kif inhuma fuq esposti, matul dawn il-proceduri bl-ebda mod <u>ma gew kontradetti</u> minn xi prova jew provi kontrarji prodotta da parte tal-konvenuti. Dwar dan jigi rilevat illi z-zewg xhieda prodotti mill-atturi li ddeponew f'dawn l-atti huma <u>altament kredibbli</u>. Ghalhekk qed jigi ritenut illi dak li xhieda effettivament jirrefletti dak l verament gara fis-seduta quddiem il-Bord u li biha nghatat is-sentenza in ezami"* . Dan wassal sabiex l-istess Qorti sosntniet li *"ma hemm ebda dubju illi, fil-kawza u s-sentenza in desamina, sar <u>zball materjali u gravi</u> li bhala rizultat tieghu, gab konsegwenza li ppregudikaw lill-atturi billi meta l-premess gie skopert mill-attur, kien skada t-*

*terminu tal-appell u b'hekk is-sentenza in esami ghaddiet in gudikat finali. Illi huwa minnu ukoll illi dan l-izball kien sar qabel ma kieniet inghatat l-istess sentenza u b'hekk waqt il-proceduri relattivi",* izda peress li l-istess ma kienx jinkwadra ruhu taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (l) tal-Kap. 12** il-kawza ta' ritrattazzjoni giet michuda.

Illi dan ukoll ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Carmelo Farrugia et vs L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Ottubru 2009) anke jekk it-tezi tal-appellanti quddiem kienet apparentement veritiera, din ma hijiex sostenibbli, ghaliex fil-kaz ta' zball kontemplat fl-artikolu ta' ritrattazzjoni msemmija , il-lifi riedet teskludi kull indagini ta' allegat zball 'il barra mill-atti tal-kawza, 'il-barra mid-dokumenti fiha esebiti u lil hinn mill-operat tal-gudikant in relazzjoni mal-att quddiemu.

Illi tenut kont ta' dan kollu jirrizulta ghalhekk li fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li l-Magistrat sedenti qal lil Dr. Vincent Falzon, difensur tar-rikorrenti, quddiem uhud mir-rikorrenti odjerni, fil-kors tas-seduta tas-7 ta' Jannar 1998, fil-fatt sehh, u fil-verita' mkien u qatt ma kien kontestat, u l-effett tieghu kien allura li meta inghatat is-sentenza l-istess rikorrenti, ma kienux prezenti, ghaliex huma serhu rashom li la darba min kien qed jippresjedi l-kawza, qalilhom li d-decizjoni ma kienitx ser tinghata dak in-nhar, izda f'gurnata ohra lilhom ukoll indikata, mela allura ma kellhomx ghalfejn jibqghu hemm, u l-konsegwenza ta' dan kollu kien, li meta accidentalment saru jafu li kienet inghatat is-sentenza kien skada t-terminu tal-appell li l-ligi tipprovdi li persuna ghandha skond l-artikolu tal-**Kap. 12**. Fil-fatt lanqas huwa kontestat li meta r-rikorrenti saru jafu li inghatat is-sentenza u dan wara konversazzjoni bejn Dr. Norval Desira u Dr. Doreen Clarke, it-terminu tal-appell kien gja skada.

Illi dan ifisser li l-istess rikorrenti ma kellhom ebda rimedju ghal dan l-izball li sar mic-Chairman tal-Bord li Jirregola l-Kera, u l-istitut eccezzjonali ta' ritrattazzjoni lanqas kien rimedju effettiv ghal dan il-kaz. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax taccetta l-eccezzjoni mqajjma mill-Avukat

Generali li r-rikorrenti qabel ma ressqu din il-procedura kostituzzjonali, kellhom l-ewwel jezawrixxu r-rimedji ordinarji taghhom li taghtihom il-ligi, ghaliex fil-verita' rimedji ordinarji ma kienx hemm; l-istess jinghad li dwar l-eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza li r-rikorrenti kellhom jipprevalixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom, li skond huma kienu proprju l-appell mid-decizjoni tal-Bord quddiem il-Qorti tal-Appell, haga li l-istess rikorrenti ma setghux jaghmlu la darba huma kien inghad lilhom mic-Chairman sedenti tal-istess Bord li l-kawza ma kienitx ser tinghata dak in-nhar, u allura lanqas biss kienu jafu b'dik is-sentenza, u fil-fatt huwa ghalhekk li qed isiru dawn il-proceduri, ghaliex bil-mod kif agixxa l-Bord effettivament ivvanifika r-rimedju li l-appellanti kellhom ghad-dritt tal-appell skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 24 (2) tal-Kap. 69.**

Illi ghalhekk dwar il-punt ta' l-ezawriment tar-rimedji din il-Qorti thoss li *stante* n-natura tal-kaz, din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha f'sede kostituzzjonali - peress li r-rimedji miltuba huma ta' natura kostituzzjonali u r-rimedju huwa wiehed li jista' jinghata fil-kompetenza ta' din il-Qorti kif presjeduta, u dan peress li f'dan il-kaz il-lanjanza kostituzzjonali mressqa hija *ben oltre* dak li qed jintalab jew seta` jintalab permezz ta' proceduri normali u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"John Mizzi vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Novembru 2008) u **"Josef Grech vs Spettur Ian Joseph Abdilla"** (P.A. (RCP) – l-1 ta' Gunju 2009) u l-gurisprudenza hemm citata.

Illi huwa f'dan il-kuntest li l-mertu proprju irid jigi ezaminat fid-dawl ta' dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta** fejn hemm sancit id-dritt fondamentali ghal smigh xieraq u hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"St. Paul's Court Limited vs L-Onor. Prim Ministru et noe"** (Rik. Kost. Nru :552/96VDG - deciza fis-16 ta' Settembru 1998) fejn inghad li *"kif tajjeb josservaw l-awturi Harris,O'Boyle u Warbrick :-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole." (pg. 202).* (Vide ukoll **"Khallouf Fatiha vs Kummissarju Tal-Pulizija"** - Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-28 ta' Dicembru 2001).

Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs**
**The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi, minkejja dan, jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistghux jigu definiti *a priori* u specifikatament, stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D).

Illi inoltre fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' Andrew Grotrian jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."* Wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita` taghhom (ara, fost decizzjonijiet ohra, **"Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et."** (Qorti Kostituzzjonali - 18 ta' Awwissu, 1998.)

Illi in effetti l-imsemmi awtur jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6 (1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:"*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands",** 27 ta' Ottubru 1993)

Illi rekwizit iehor ferm stabbilit u li huwa implikat fid-dritt ta' smigh xieraq huwa d-dritt ta' *"an oral hearing".* Fl-imsemmija tezi ntqal:-

*"Therefore, the question arises as to whether the requirement of fair hearing implies the presence of the parties in person. The Commission has expressed the view that in certain classes of cases or in certain sets of circumstances a fair hearing is scarcely conceivable without the presence of the party concerned; this may be so in some civil or commercial cases and is true a fortiori of criminal matters, and the Court has supported this view. As far as criminal cases are concerned, 'it flows from the notion of a fair trial that a person charged with a criminal offence should, as a general principle, be entitled to be present at the trial hearing". Clearly, the accused has an interest in witnessing and monitoring proceedings that are of great importance to him. Moreover, his right to be present at the trial hearing is implicit in the right to 'participate effectively' in the conduct of his case (***Stanford vs UK, 23/2/1994)***; an accused need to be there to give evidence and to advice his lawyer on the presentation of his case or to present his case in person* **(Colozza case)***. There is a close interrelationship between the right to an oral hearing in one's presence and the right to adversarial proceedings. A trial in which the evidence accumulated during the investigation of the case is admitted to the record without being adduced in court in the presence of the accused is not consistent with either* **(Barbera, Messeque and Jabardo vs Spain, 6/12/1988)***. It follows from the right of an accused to be present at his trial that where the state has custody of the accused, it must ensure that he is able to attend, provided that the accused gives the prison authorities any necessary information* **(Goddi vs Italy, 1984)***."*

Illi fl-ahharnett, jinghad wkoll illi element bazilari wkoll tal-istess artikolu li jrid ikun hemm decizjoni motivata, ghaliex ghalkemm dan ir-rekwizit ma huwiex esplicitament imsemmi fl-istess **artikolu 6**, dan huwa implicitament konness mal-principju ta' smigh xieraq, li gie anke

rikonoxxut fil-Qrati, bhal fil-kaz **"Van de Hurk vs The Netherlands"**, (19 ta' April 1994).

Illi tant huwa minnu dan li inghad li *"This power of requiring a reasoned decision is illustrated in the* **De Moor Case (23/6/1994)**. *The reasoned decision in this case revealed that it had been taken on a basis not open to the judge. The hearing could not be fair if the decision was based on a reason which was not legally valid. However, it is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If a court gives reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it requires a "specific and express outcome" by the court in its judgment."*

Illi l-awturi ***Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-

*"The Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ."* (pp. 428-429).

Illi fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu/ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx

hemm "smigh xieraq". L-istess konsiderazzjonijiet maghmula japplikaw ghad-disposizzjojnijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet issir riferenza wkoll ghas-sentenza **"Peter Montebello vs l-Avukat Generali et"** (Q.K. (SC) (JAF) (GV) – 31 ta' Jannar 2011 fejn inghad li f'ezami ta' dawk il-komponenti li jistghu jwasslu ghall-ksur tad-dritt ta' smigh xieraq skond il-ligi, kull kaz ivarja minn iehor imma f'kull kaz il-Qorti trid tassigura li l-proceduri jkunu kondotti b'mod li l-kontendenti oggettivament huma mistennija li jhossu li jkunu inghataw x'jifhmu li l-kawza ser tigi trattata u deciza fuq dak li gie dibattut, u l-mod kif dan isir ma ghandux jimmina drittijiet kollha ta' xi wahda mill-partijiet li ligi stess tipprovdi.

Illi f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li f'dak li gara d-dritt ta' l-appell mill-istess decizjoni tal-Bord, dritt li huwa sancit fl-**artikolu 24 (2) tal-Kap. 69** gie minhabba l-agir tac-Chairman tal-Bord li Jirregola l-Kera, bla ebda dubju imminat u rez inapplikabbli, ghaliex ir-rikorrenti inghad lilhom mill-istess Chairman li d-decizjoni ma kienitx ser tinghata dak in-nhar, meta fil-fatt hekk gara, bil-konsegwenza li meta r-rikorrenti saru jafu biha, t-terminu tal-appell kien skada, u la darba d-dritt ta' appell huwa f'dan il-kaz moghti lil kull parti skond il-ligi applikabbli, mela f'dan il-kaz huwa zgur li d-dritt tal-appell huwa elementi essenzjali ghas-smigh xieraq u ghalhekk tali dritt li l-ligi stess taghti lir-rikorrenti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 24 (2) tal-Kap. 69,** gie f'dan il-kaz imcahhad lilhom u ghalhekk t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat l-Avukat Generali datata 16 ta' Novembru 2009, u r-risposta tal-kjamati in kawza kollha datata 19 ta' Mejju 2010 biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti

ma' dak hawn deciz, u **fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames talba tar-rikorrenti ghaliex jew huma sorvolati jew ma hemmx bzonn taghhom, tilqa' t-talbiet l-ohra kontenuti fir-rikors tal-rikorrenti Joseph Farrugia et datat 5 ta' Novembru 2009 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan illi:-**

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera li jaghti s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et"** (Rik Nru 64B/93) **fis-7 ta' Jannar 1998 wara li aktar kmieni fl-istess seduta c-Chairman tal-istess Bord kien indika li l-kawza kienet ser tigi differita ghas-sentenza ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 1998,** u konsegwentement ukoll l-istess sentenza, u l-konsegwenzi sofferti mir-rikorrenti minhabba din id-decizjoni u l-agir tal-Bord li Jirregola l-Kera permezz tac-Chairman, kollox kif hawn deciz, jikkostitwixxu lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti u sanciti fl-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**.

2. Tordna li r-rikorrenti jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu fiha fis-7 ta' Jannar 1998 u dan billi jinghataw l-opportunita' li jappellaw minn tali decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera.

3. Tordna ghalhekk li r-rikorrenti jinghataw id-dritt li jintavolaw appell mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-7 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"L-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit et vs Carmelo Farrrugia et"** (Rik Nru 64B/93) u dan billi qed jinghataw terminu qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza odjerna sabiex jintavolaw l-appell taghhom mill-istess decizjoni skond id-disposizzjoni tal-**Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi stante n-natura tal-kaz l-ispejjez jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------